Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 9/2018

**Frances Anna Fenech (K.I. Nru 283673M)**
**(appellata)**

**Vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
**(appellant)**

30 ta' April, 2019.

1. **Din is-sentenza titratta appell tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali mid-deċiżjoni numru 196/2018 mogħtija fil-25 ta' Lulju 2018 mill-Arbitru taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta), dwar ħlas ta' għajnuna soċjali lill-appellata li d-Dipartiment qiegħed isostni li ma kellhiex jedd għalihom għaliex kienet qegħda tgħix mas-sieħeb tagħha u ġewwa fond li ma kienx dak li ddikjarat lid-Dipartiment.**

2. In suċċint, il-fatti żvolġew kif ġej:

   2.1. L-appellata kienet tirċievi benefiċċji mill-Gvern, ossija, *allowance* tat-tfal, għajnuna soċjali u l-benefiċċju tal-enerġija. Madanakollu, wara investigazzjoni li għamel id-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fis-26 ta' Novembru 2016, l-ispetturi kkonkludew li kien hemm ksur tal-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali f' dak li għandu x' jaqsam ma' dawk il-benefiċċji u għalhekk irrakkomandaw lid-Dipartiment sabiex iwaqqaf/jirrevedi minnufih dawn il-benefiċċji u jiġbor lura kull pagament li tħallas lilha mis-26 ta' Novembru 2013 l' quddiem. Skont ir-rapport tal-investigazzjoni ommha ddikjarat li bintha kienet ilha tlett snin li baqgħetx tgħix magħha u marret tgħix flimkien mal-partner tagħha.

2.1. L-**għajnuna soċjali perċepita mill-appellata hija l-mertu tal-appell odjern** filwaqt li l-*allowance* tat-tfal hi l-mertu ta' appell numru 8/2018 li qiegħed jiġi deċiż illum.

2.2. L-appellata tħallset għajnuna soċjali sas-16 ta' Diċembru 2016. Iżda permezz ta' ittra datata 19 ta' Diċembru 2016, id-Direttur appellant informaha li l-applikazzjoni tagħha għall-għajnuna soċjali ġiet mistħarrġa/riveduta u ġie deċiż li m'għadiex aktar intitolata għal din l-għajnuna għaliex '*ma kontx qed tifforma familja għal raskek fl-indirizz mogħti minnek*';

2.3. B'ittra oħra datata 20 ta' Diċembru 2016, l-appellant għarraf lill-appellata li peress '*ma kontx qed tifforma familja*' fil-perjodu **bejn it-30 ta' Novembru 2013 sas-16 ta' Diċembru 2016**, irċeviet **€13,472.19** f'għajnuna soċjali li ma kellhiex dritt għalihom;

2.4. L-appellata appellat mid-deċiżjoni tad-Direttur quddiem l-Arbitru skont il-Kap. 318 (ittra datata 12 ta' Jannar 2017). Ilmentat illi:

i. fl-għoti tad-deċiżjoni nkiser id-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq inkwantu qatt ma ntalbet tressaq il-verżjoni tagħha u ma ngħatat l-ebda opportunità tirribatti l-informazzjoni li fuqha bbaża ruħu d-Direttur biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu;

ii. rċiviet id-deċiżjoni appellata wara li f'Novembru tal-2016 avżat lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li hija u ż-żewġ uliedha bdew jirrisjedu flimkien mal-*partner* tagħha f'proprjetà fil-Baħrija, limiti tar-Rabat, Malta u għalhekk ma kienux aktar qed jirrisjedu ma ommha fid-dar tal-Mosta;

iii. tissuspetta għalhekk li sar żball mill-impjegati tad-Dipartiment fid-data tal-bdil tar-residenza;

iv. f'kull każ, bejn it-30 ta' Novembru 2013 u Novembru 2016 hija kienet tirrisjedi għand ommha u għalhekk il-familja tagħha kienet tikkonsisti minnha u miż-żewġ uliedha biss b'dan illi hija kienet intitolata għall-għajnuna soċjali provduta mid-Dipartiment. F'dak il-perjodu hija ma kellha ebda dħul ieħor għajr għall-għajnuna soċjali mogħtija mill-Gvern, l-*allowance* tat-tfal u l-manteniment li kien jgħaddilha l-*ex*

raġel tagħha għaż-żewġ uliedhom minuri, liema informazzjoni kienet dejjem a konjizzjoni tad-Dipartiment.

2.5. Id-Direttur wieġeb li l-appell ma qanqal l-ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza, u għalhekk għandu jkun miċħud;

2.6. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Lulju 2018, l-Arbitru kkonkluda li '*fuq bilanċ ta' probabilitajiet illi l-appellanti għamlet il-prova illi telqet mid-dar ta' ommha biss wara s-separazzjoni uffiċjali ossija mill-1 ta' Mejju 2016.*' Għalhekk l-arbitru laqa' l-appell tagħha limitatament u ordna li '*l-perjodu li fih l-appellanti ma kinitx qed tifforma familja għal rasha għandu jkun stabbilit għal bejn l-1 ta' Mejju 2016 u s-16 ta' Diċembru 2016. Konsegwentement id-Direttur għandu jagħmel l-aġġustamenti finanzjarji relattivi fir-rigward ta' rifużjoni.'*

3. **Minn din id-deċiżjoni appella d-Direttur. L-aggravju ewlieni tiegħu huwa li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi prodotti u għaldaqstant wasal għal deċiżjoni żbaljata u nġusta.**

4. Id-Direttur ippremetta li l-appellata hija persuna separata u meta applikat għall-għajnuna soċjali ddikjarat li qed tgħix flimkien ma' wliedha fir-residenza ta' ommha ġewwa l-Mosta. Hija għalhekk ibbenefikat mill-għajnuna soċjali sas-16 ta' Diċembru 2016. Madanakollu, wara li fl-2012 waslet għand id-Dipartiment informazzjoni anonima, sar stħarriġ mill-Ispettorat għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji u wara numru ta' żjarat inutli, fis-26 ta' Novembru 2016 irriżulta li l-appellata kienet ilha ma tifforma familja għal rasha fl-indirizz indikat minnha mis-26 ta' Novembru 2013. Kien għalhekkk li ħa d-deċiżjoni li jwaqqaf l-għajnuna soċjali lill-appellata u jitlobha tirrifondih l-għajnuna soċjali ndebitament mħallsa lilha bejn is-26 ta' Novembru 2013 u s-26 ta' Novembru 2016. Huwa jikkontendi li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi prodotti meta kkonkluda li kien biss mill-1 ta' Mejju 2016 li l-appellanti ma baqgħatx tifforma familja għal rasha. Dan in kwantu:

- *Ai termini* tal-Artikolu 30 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex persuna tkun eliġibbli għall-għajnuna soċjali din għandha tkun kap ta' familja u għalhekk hu mistenni li tkun qed tifforma familja għal rasha;

- Mill-investigazzjoni li l-Ispettorat għamel fis-26 ta' Novembru 2016 irriżulta li: (i) fir-residenza spezzjonata ma kien hemm ebda ħwejjeġ tal-appellata; (ii) fir-residenza spezzjonata lanqas ma kien hemm ħwejjeġ ta' ulied l-

appellata; (iii) ma kien hemm ebda oġġetti personali tal-appellata jew ulieda fil-kmamar tas-sodda; u (iv) omm l-appellata stess iddikjarat li bintha kienet ilha tgħix ma ċertu Richard Falzon għal ċirca tlett snin;

- Sussegwentement, fid-29 ta' Novembru 2016, l-appellata marret tavża lid-Dipartiment li hija kienet marret tgħix mal-imsemmi Richard Falzon ġo fond fil-Baħrija mill-4 ta' Novembru 2016;

- L-Arbitru kien għalhekk fattwalment żbaljat meta kkonkluda li l-investigazzjoni fir-residenza ta' omm l-appellata fil-Mosta saret wara li hija stess kienet diġa nfurmat lid-Dipartiment li hija ma kinitx għada tirrisjedi hemm. Konsegwenza t'hekk, jilmenta li l-Arbitru ma tax il-piż probatorju mistħoqq lir-riżultanzi tal-imsemmija spezzjoni;

- Ma kien hemm xejn li seta' jwassal lill-Arbitru jikkonkludi li l-appellata rnexxielha tipprova li hi telqet mid-dar ta' ommha biss wara s-sentenza ta' separazzjoni minn ma żewġha. Għalkemm ġiet ippreżentata biss is-sentenza ta' separazzjoni tal-appellata mogħtija mill-Qorti tal-Appell, mid-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li minnha kien sar dak l-appell jirriżulta anzi li Richard Falzon stess xehed li '*ilu f'relazzjoni mal-attriċi sa mis-6 ta' Marzu 2008. L-attriċi u Richard Falzon jirrisjedu fid-dar tiegħu flimkien mat-tfal tal-attriċi'*. Verżjoni li tikkorabora dak li qalet omm l-appellata lill-investigaturi waqt l-ispezzjoni;

- Bla ħsara għal dan, dak allegat mill-appellata, fis-sens li sar xi żball mill-impjegati tad-Dipartiment meta niżżlu d-data mogħtija minnha bħala bdil tar-residenza tagħha, ma ġie bl-ebda mod ippruvat;

- Għalkemm id-diskrezzjoni li tagħtih il-liġi mhux assoluta, id-deċiżjoni tiegħu kienet korretta.

5. Da parti tagħha l-appellata wieġbet li filwaqt li din il-Qorti m'għandiex tidħol f'eżerċizzju ta' apprezzament tal-provi, l-appell in diżamina għandu jiġi miċħud in kwantu s-sentenza appellata hija fil-mertu ekwa u ġusta u jistħoqqilha li tiġi konfermata.

**Konsiderazzjonijiet.**

6. Il-provi li tressqu kienu pjuttost skarsi. Dawn kienu jikkonsistu fis-segwenti:

- kopja tal-applikazzjoni tal-appellata għall-għajnuna soċjali ttimbrata li waslet fl-Uffiċċju distrettwali tas-Sigurtà Soċjali fil-Mosta f'żewġ snin differenti, ossija, żewġ timbri bid-data tal-11 t' Awissu 2014 u timbru ieħor '*received*' fil-11 t' Awissu 2015;

- kopja tar-rapport investigattiv tad-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji, datat 29 ta' Novembru 2016;

- xhieda ta' Frank Camilleri, l-uffiċjal investigattiv;

- xhieda tal-appellanti;

- kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell datata 29 ta' April 2016 bin-numru 423/04 fl-ismijiet ***Francienne Fenech v. Alexander sive Sandro Fenech***; u

- kopja ta' *request for investigation* datata 25 ta' Jannar 2012 preżentat minn Leonard Armeni li kkonferma li l-ispezzjoni saret konsegwenza ta' dan ir-rapport.

7. M'huwiex kontestat li fis-26 ta' Novembru 2016, meta saret l-ispezzjoni mill-uffiċjali investigattivi fi ħdan id-Dipartiment, l-appellata u wliedha ma kinux jgħixu fid-dar ta' ommha fil-Mosta. Jirriżulta wkoll mill-atti li kien fid-29 ta' Novembru 2016, ossija <u>tlett ijiem wara l-imsemmija spezzjoni</u>, li l-appellata marret tinforma lid-Dipartiment li hija u wlieda kienu marru jgħixu mas-sieħeb tagħha, Richard Falzon, ġewwa l-Baħrija mill-4 ta' Novembru 2016.

8. Madanakollu, fix-xhieda tagħha quddiem l-Arbitru l-appellanti sostniet li hija telqet mid-dar ta' ommha u marret tgħix mas-sieħeb tagħha ftit xhur wara s-sentenza tas-separazzjoni personali. Tgħid li dan kien f'xi Awissu jew Settembru wara li spiċċat l-iskola. Hu evidenti li wkoll jekk l-appellata kellha titwemmen, naqset milli tagħti dak it-tagħrif rilevanti lid-Dipartiment.

9. Minn każijiet simili li tara din il-qorti, qegħda tingħata x'tifhem li ma jsirx *follow up* adegwat mill-uffiċini distrettwali tad-Dipartiment wara li persuna tingħata l-għajnuna soċjali. Dan apparti li f'dan il-każ rapport li daħal fl-2012 kien investigat fl-aħħar tas-sena 2016. Fatt li fih innifsu juri nuqqasijiet kbar f'din it-taqsima li għandha d-dmir li tiżgura li ħadd ma jabbuża minn benefiċċji soċjali. Dan hu inaċċettabbli, meta tikkunsidra li rapport ġustifikat ikun ifisser li l-beneficjarju jkun qiegħed jiddefrawda lill-Gvern. Hu evidenti li d-Dipartiment huwa *under staffed* u għalhekk m'huwiex f'posizzjoni li jleħħaq mal-eluf ta' nies li qegħdin jirċievu xi tip ta' benefiċċju. Kull Gvern għandu jiżgura li t-taqsima ta' investigazzjoni fid-

dipartiment, ikollha r-riżorsi kollha meħtieġa sabiex tagħmel investigazzjoni bla dewmien, b'mod effiċjenti u *comprehensive*. Investigazzjonijiet nofs lejħa m'hemmx posthom. L-uffiċjali għandhom ukoll ikunu mħarrġa kif jagħmlu iwettqu investigazzjoni u t-tip ta' informazzjoni li jiġbru.

10. Għall-qorti m'hemmx dubju li l-appellata marret tgħarraf lid-Dipartiment li ma kinitx għadha tgħix m'ommha, wara li ommha qaltilha li fis-26 ta' Novembru, 2016 kienu marru għandha uffiċjali mid-Dipartiment. L-avviż li tat l-appellata ma kienx in *buona fede* imma tentattiv biex toħloq storja li ma tirriflettix il-verita'.

11. L-appellant jinsisti li l-provi ma jikkoraborawx it-teżi tal-appellata, anzi jirriżulta ċar li l-appellata marret tgħix mas-sieħeb tagħha f'Novembru tal-2013. Dan huwa marbut mal-fatt li:

(i) meta fis-26 ta' Novembru 2016 saret l-investigazzjoni fir-residenza ta' omm l-appellata, kienet din tal-aħħar stess li ddikjarat lill-investigaturi li bintha '*kienet ilha tlett snin li telqet mill-indirizz iddikjarat u marret tgħix mas-sieħeb tagħha, Richard Falzon.*';

(ii) Richard Falzon stess xehed li l-appellata kienet tgħix miegħu fil-proċeduri ta' separazzjoni tal-appellata minn mal-*ex* raġel tagħha, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Prim' Awla (Sezzjoni Familja).

12. Dwar l-ewwel punt, l-appellata tgħid li ommha anzjana u meta staqsietha għalfejn kienet qalet hekk '*qaltli ma nafx, qaltli dak il-ħin tant gerfxuni u ma kontx naf x'ser naqbad nagħmel – qaltli bdew jistaqsuni ħafna mistoqsijiet*'. Madanakollu omm l-appellata ma xeheditx. L-oneru tal-prova quddiem l-Arbitru kien fuq l-appellata.[1] Kellha tressaq provi li effettivament kienet qegħda tgħix ma' ommha matul il-perjodu in kwistjoni. Provi li kienu faċilment disponibbli għaliha. L-istess japplika fir-rigward tal-partner tal-appellata. Dan apparti li kien rilevanti wkoll tagħrif dwar konsum ta' dawl u ilma fir-residenza ta' ommha matul it-tlett snin in kwistjoni.

13. Il-qorti ma taqbel xejn mal-apprezzament tal-provi tal-Arbitru. Fid-deċiżjoni qal li, "*.... l-appellanti trid tikkonvinċi lill-arbitru, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, illi l-fatti ġraw kif qalet hi ossia illi kienet telqet mid-dar ta' ommha biss wara s-separazzjoni*". Pero' l-uniku prova li ressqet l-appellata kienet ix-xhieda tagħha stess. Dan meta kellha kull opportunita' li tressaq bħala xhud lil ommha u l-partner tagħha, apparti l-fatt li kellu wkoll id-deposizzjoni ta' Frank Camilleri, l-

[1] ***George Zammit vs Direttur tas-Sigurtà Socjali***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2004.

uffiċjal tad-Dipartiment. L-Arbitru semma wkoll li omm l-appellata kienet *'konfuża'* waqt l-ispezzjoni li saret fid-dar tagħha. M'hemmx prova ta' dan. Fir-rapport jissemma li kienet imbikkma. Pero' dan wara li ammettiet li l-appellata kienet ilha tlett snin li telqet mid-dar u marret tgħix mas-sieħeb tagħha. Hu ovvju li Mary Bezzina tkun imbikkma għaliex bintha inqabdet.

14. Il-fatt li omm l-appellata għandha 76 sena ma jibdel xejn, iktar u iktar li m'hemmx provi li hi xi persuna vulnerabbli. Dan apparti li kif daħlu fid-dar l-ewwel qalet lill-investigaturi li l-appellata u wliedha kienu qegħdin igħixu magħha. Mela hu evidenti li omm l-appellat bdiet biex taħbi għall-bintha. Pero' malajr irriżulta li bintha kienet ilha s-snin li telqet mid-dar ta' ommha. Fil-fatt lanqas biss ma kien hemm ħwejjeġ tat-tfal.

15. Id-Direttur appellant irrefera wkoll għas-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-kawża ta' separazzjoni **Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech** (423/2004). Fl-atti kull m'hemm hi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April, 2016 u fiha ma tissemmiex id-data meta l-appellata bdiet tgħix mal-*partner*. Pero' f'dik is-sentenza hemm riprodotta parti mis-sentenza tal-ewwel qorti li qalet, *"Mill-atti jirriżulta, b'mod partikolari* ***mix-xhieda tal-istess Richard Falzon, illi l-attriċi ilha f'relazzjoni adultera ma' Falzon sa mis-sena 2008****"*. Il-qorti qrat is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) **tas-26 ta' Frar, 2015** u fiha jingħad li:

- L-attriċi xehedet li kienet tgħix mal-partner tagħha. Għalhekk kienet diġa qegħda tgħix mal-partner qabel is-sentenza li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat fis-26 ta' Frar, 2015.
- Richard Falzon xehed li l-appellata w wliedha jgħixu miegħu. Fil-fatt Falzon xehed, *"li ilu f'relazzjoni sa mis-6 ta' Marzu 2008. L-attriċi u Richard Falzon jirrisjedu fid-dar tiegħu flimkien mat-tfal tal-attriċi"* (seduta tal-10 ta' April, 2014).

16. L-appellant jilmenta li l-Arbitru ma rax is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Kien id-dmir tad-Direttur li jippreżenta l-każ tiegħu bl-aħjar mod u mhux jippretendi li l-Arbitru joqgħod ifittex b'lenti għall-provi li l-appellant stess qatt ma rrefera għalihom quddiem l-Arbitru.

17. F'kull każ il-qorti ma tistax tonqos milli tikkunsidra dik is-sentenza li hemm riferenza għaliha fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, iktar u iktar meta tqies in-natura tal-każ. Ħadd m'għandu jedd jirċievi benefiċċji soċjali li skont il-liġi ma jkollux jedd għalihom. Is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) teskludi

kull dubju li l-appellanti kienet qegħda tgħix mal-partner tagħha ferm qabel id-29 ta' Novembru, 2016. Il-verżjoni tal-appellata li kien biss xhur wara s-separazzjoni li marret tgħix mal-partner tagħha, mhi xejn għajr gidba intiża biex biex tevita milli tħallas lura l-benefiċċji soċjali li rċeviet indebitament.

18. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti mingħajr eżitazzjoni tiddikjara li l-appellata gidbet meta qalet li telqet mid-dar ta' ommha f'Novembru, 2016. Il-provi juru mod ieħor u l-verżjoni li tat ommha lill-ispetturi hi mera tal-verita'.

19. Fl-appell quddiem l-Arbitru (ara ittra datata 12 ta' Jannar, 2017) l-appellata kienet ilmentat ukoll li l-appellant ma semax x'kellha xi tgħid qabel ħa d-deċiżjoni. Ilment li f'dan il-każ hu fieragħ meta tqies li quddiem l-Arbitru ngħatat kull opportunita', għażlet li tigdeb.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-appellant u tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru tal-25 ta' Lulju, 2018 u fl-istess waqt tiċħad l-appell tal-appellata.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.